# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 322/02**

**Numru 8**

**Elmo Insurance Agency Ltd**

**vs**

**S.J. I. Clothing Co Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm4,728.81 (erbat elef seba mija tmienja u ghoxrin lira Maltin wiehed u tmenin centezmu) bilanc ta' somma akbar dovuta mis-socjeta konvenuta bhala premiums relattivi ghall-poloz ta' assikurazzjoni, mahruga favur tas-socjeta konvenuta skond il-kont

dettaljat unit mal-avviz markat Dok A. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2001 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwali u bl-imghax ta' 8% mill-istess data kontra l-kumpanija konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess avviz (fol 2 tal-istess atti).

Semghet ix-xhud prodott mill-istess socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi, kif risultanti mill-istess atti, is-socjeta' konvenuta, notifikata skond il-ligi bl-atti relattivi, ma dehritx illum sabiex tikkontesta dak mitlub fl-avviz in esami. Inoltre ma gietx presentata nota tal-eccezzjonijiet da parti taghha ghall-istess skop.

Illi, waqt l-istess seduta mizmuma illum stess, is-socjeta attrici pproduciet, bhala xhud, lil Joseph Mula, li, in rappresentanza tal-istess ikkonferma taht gurament l-ammont kollu dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil dik attrici, skond kif specifikat fl-istess avviz.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk,dak mitlub fl-istess avviz ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm4,728.81,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-16 ta' Mejju 2002, imsemmi fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg